MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MIDJA**

**Aġġornament lill-investituri li għandhom investiment fl-ARM Asset Backed Securities SA**

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ["MFSA"] tixtieq taġġorna lil dawk l-investituri li għandhom investiment fl-ARM Asset Backed Securities S.A ("ARM").

Il-Financial Services Compensation Scheme ['FSCS'] tar-Renju Unit ikkonfermat li l-formola tal-klejm kontra Catalyst Investment Group Limited ['Catalyst'] intbagħtet lill-investituri kollha fl-ARM. L-investituri kellhom jirċievu l-formola tal-klejm flimkien ma' ittra mill-FSCS sal-aħħar t'April 2014.

Dawk l-investituri fl-ARM li ma rċevewx l-applikazzjoni mingħand l-FSCS sal-aħħar t'April 2014, għadhom jikkuntatjaw lill-Initial Contact Team fuq 0044 20 7741 4100 jew jibagħtu email f'enquiries@fscs.org.uk

L-Awtorità tisħaq li hi r-responsabbiltà ta' min qed jagħmel il-klejm li jara li d-dettalji u l-informazzjoni mogħtija fil-formola hi tajba. Madanakollu, jekk l-investituri jeħtieġu l-għajnuna, huma mħegga sabiex ifittixu parir professjonali indipendenti

L-Awtorità ser tkompli taġġorna lill-investituri Maltin rigward żviluppi ġodda. L-MFSA ippublikat ukoll 'Mistoqsijiet u Tweġibiet' fuq is-sit portali tagħha. L-investituri jistgħu jaċċessaw dawn il-'Mistoqsijiet u Tweġibiet' minn hawn: http://www.mfsa.com.mt/pages/readfile.aspx?f=/files/Announcements/PressReleases/2014/FAQs%20Malti.pdf

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**30 ta' April 2014**
**Ref: MFSA MR 06/2014**